

Brussell, 4 ta' Settembru 2023
(OR. en)

12523/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0309(NLE)

UK 166
FISC 177

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 504 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva fil-VAT u l-Irkupru tat-Taxxi u d-Dazji li ġie stabbilit permezz tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 504 final.

Mehmuż: COM(2023) 504 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.9.2023
COM(2023) 504 final

2023/0309 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fil-Komitat Speċjalizzat għall-Kummerċ dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva fil-
VAT u l-Irkupru tat-Taxxi u d-Dazji li ġie stabbilit permezz
tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità
Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda,
u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva fil-VAT u l-Irkupru tat-Taxxi u d-Dazji b'rabta mal-adozzjoni prevista tad-deċiżjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Protokoll dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-għlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud u dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru tat-talbiet relatati mat-taxxi u d-dazji ("il-Protokoll dwar il-VAT"), kif stabbilit fl-Artikolu PVAT.39 (2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim" jew it-TCA).

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit

Skont l-Artikolu 120 tal-Ftehim TCA, l-awtoritajiet kompetenti tal-Partijiet għandhom jikkooperaw ma' xulxin biex jiżguraw il-konformità mal-leġiżlazzjoni dwar il-VAT u fl-irkupru tat-talbiet relatati mat-taxxi u d-dazji f'konformità mal-Protokoll dwar il-VAT.

L-objettiv ta' dan il-Protokoll hu li jstabbilixxi l-qafas għall-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri u r-Renju Unit, sabiex l-awtoritajiet tagħhom ikunu jistgħu jassistu lil xulxin fl-iżgurar tal-konformità mal-leġiżlazzjoni dwar il-VAT u fil-protezzjoni tad-dħul mill-VAT u fl-irkupru tat-talbiet relatati mat-taxxi u d-dazji.

2.2. Il-Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva fil-VAT u l-Irkupru tat-Taxxi u d-Dazji

Skont l-Artikolu 8(1)(k) tat-TCA, il-Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva fil-VAT u l-Irkupru tat-Taxxi u d-Dazji għie stabbilit biex jindirizza materji koperti mill-Protokoll dwar il-VAT.

Skont l-Artikolu PVAT.39 (1), dan il-Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ għandu jwettaq konsultazzjonijiet regolari u jirrieżamina l-operat u l-effettività tal-Protokoll dwar il-VAT mill-inqas kull 5 snin. Skont l-Artikolu PVAT.39 (2) għandu wkoll jadotta deċiżjonijiet jew rakkomandazzjonijiet biex jiġu implimentati l-aspetti kollha tal-Protokoll dwar il-VAT.

2.3. L-atti previsti tal-Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva fil-VAT u l-Irkupru tat-Taxxi u d-Dazji

Il-fini tal-atti previsti hu li jiġu adottati miżuri li huma meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Protokoll dwar il-VAT, kif stabbilit fl-Artikolu PVAT.39 (2).

L-atti previsti se jsiru vinkolanti fuq il-Partijiet f'konformità mal-Artikolu 10 tat-TCA.

Fis-sustanza, l-erba' deċiżjonijiet se jkopru:

Deċiżjoni li tistabbilixxi l-formoli elettroniċi li għandhom jintużaw għall-komunikazzjoni tat-talbiet rigward il-kooperazzjoni amministrattiva u l-assistenza għall-irkupru tat-taxxa, għall-informazzjoni u għall-feedback bejn ir-Renju Unit u l-Istati Membri, għall-awtoritajiet kompetenti ddeżinjati għall-iskambju tal-informazzjoni, u għall-kontenut u għall-format tad-data statistika li għandha tiġi kkomunikata.

Deċiżjoni li tistabbilixxi r-regoli għat-tfassil tat-talbiet għall-irkupru tat-taxxa, inkluż miżuri ta' prekawżjoni li jikkonċernaw l-assistenza għall-irkupru.

Deċiżjoni għall-konklużjoni ta' Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz, li tistabbilixxi l-kwalità teknika u l-kwantità tas-servizzi għall-funzjonament tas-sistemi ta' komunikazzjoni u ta' skambju tal-informazzjoni bejn ir-Renju Unit u l-Kummissjoni, u bejn ir-Renju Unit u l-Istati Membri għall-iskambju tal-formoli.

Deċiżjoni li tiddetermina l-kontribuzzjonijiet finanzjarji tar-Renju Unit lill-baġit tal-UE għall-adattament ta' darba tal-formoli elettroniċi għall-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tal-VAT u l-irkupru tat-taxxa, u kontribuzzjoni annwali li tkopri n-nefġiet relatati mal-iżvilupp, mal-manutenzjoni u mal-immodernizzar tas-soluzzjonijiet tal-IT li jintużaw (CCN, formoli elettroniċi, eċċ).

3. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTEĦED F'ISEM L-UNJONI

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva fil-VAT u l-Irkupru tat-Taxxi u d-Dazji jenħteġ li tiġi stabbilita mill-Kunsill. Il-pożizzjoni tirreferi għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet għall-implimentazzjoni sħiħa tal-Protokoll dwar il-VAT kif previst fl-Artikolu PVAT.39 (2). L-inizjattiva se tirriżulta f'kooperazzjoni amministrattiva mtejba tal-VAT u għall-irkupru mtejjeb tat-talbiet relatati mat-taxxi u d-dazji.

Il-proċedura proposta ma taffettwax is-sustanza tat-TCA. Għalhekk, ma teħtieġx valutazzjoni tal-impatt.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu "il-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim."

4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

Il-Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva fil-VAT u l-Irkupru tat-Taxxi u d-Dazji huwa korp stabbilit permezz tal-Ftehim TCA.

L-atti li l-Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ huwa mitlub jadotta jikkostitwixxu atti li jkollhom effetti legali. L-atti previsti se jkunu vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 10 tat-TCA.

L-atti previsti ma jissupplimentawx jew ma jemendawx il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament fuq l-oġġettiv u l-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn

dawk l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun imsejsa fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik rikjesta mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-objettiv u l-kontenut ewlenin tal-atti previsti huma relatati mal-implimentazzjoni sħiħa tal-Protokoll dwar il-VAT, kif stabbilit fl-Artikolu PVAT.39(2). Peress li d-dispożizzjonijiet jikkonċernaw l-armonizzazzjoni tat-tassazzjoni indiretta, l-Artikolu 113 tat-TFUE huwa applikabbli wkoll bħala bażi ġuridika.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 113 tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva fil-VAT u l-Irkupru tat-Taxxi u d-Dazji li għie stabbilit permezz tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 113, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, (“il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni”)¹ għie konkluż mill-Unjoni u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fit-30 ta' Diċembru 2020 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2021.
- (2) Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni u b' mod partikolari l-Protokoll tiegħu dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud u dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru tat-talbiet relatati mat-taxxi u d-dazji (“il-Protokoll”) jipprevedi qafas legali sod għall-kooperazzjoni fir-rigward tal-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-talbiet. Tali kooperazzjoni se tibbenefika mill-biċċa l-kbira tal-għodod li jintużaw attwalment mill-Istati Membri għall-kooperazzjoni amministrattiva u għall-irkupru tat-talbiet.
- (3) Il-Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva fil-VAT u l-Irkupru tat-Taxxi u d-Dazji (“il-Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ”) li għie stabbilit permezz tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni għandu jagħmel rakkomandazzjonijiet u jadotta deċiżjonijiet, sabiex jiżgura l-funzjonament u l-implimentazzjoni xierqa tal-Protokoll.
- (4) Matul it-tielet laqgħa tiegħu, il-Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ għandu jadotta l-proċedura għall-konklużjoni tal-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz u deċiżjonijiet oħra li jikkonċernaw l-implimentazzjoni u l-funzjonament xierqa tal-Protokoll.
- (5) Jixraq li l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni tiġi stabbilita fil-Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ, peress li l-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz u deċiżjonijiet oħra se jkunu vinkolanti għall-Unjoni.

¹ ĠU L 149, 30.04.2021, p. 10.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fit-tielet laqgħa tal-Komitat Speċjalizzat għall-Kummerċ dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva fil-VAT u l-Irkupru tat-Taxxi u d-Dazji li ġie stabbilit permezz tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, għandha tkun imsejsa fuq l-abbozz ta' deċiżjonijiet tal-Komitat Speċjalizzat għall-Kummerċ dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva fil-VAT u l-Irkupru tat-Taxxi u d-Dazji mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

It-test tad-deċiżjonijiet huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President